SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

12 ta' Settembru 2019*

"Appell – Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Regolament (KE) Nru 207/2009 – Raġunijiet assoluti ta' invalidità – Artikolu 52(1)(b) – *Mala fide* matul il-preżentata tal-applikazzjoni għal trade mark"

Fil-Kawża C-104/18 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fit-13 ta' Frar 2018,

Koton Mağazacilik Tekstil Sanayi ve Ticaret AŞ, stabbilita f'Istanbul (it-Turkija), irrappreżentanta minn J. Güell Serra u E. Stoyanov Edissonov, abogados,

appellanti,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), irrappreżentat minn J. Crespo Carrillo, bħala aġent,

konvenut fl-ewwel istanza,

Joaquín Nadal Esteban, li jirrisjedi f'Alcobendas (Spanja), irrappreżentat minn J. L. Donoso Romero, abogado,

intervenjent fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn E. Regan, President tal-Awla, C. Lycourgos, E. Juhász, M. lešič (Relatur) u I. Jarukaitis, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: L. Hewlett, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-6 ta' Diċembru 2018,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ppreżentati fis-seduta tal-4 ta' April 2019,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, Koton Mağazacilik Tekstil Sanayi ve Ticaret AŞ titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-30 ta' Novembru 2017, Koton Mağazacilik Tekstil Sanayi ve Ticaret vs EUIPO – Nadal Esteban (STYLO & KOTON) (T-687/16, mhux ippubblikata, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2017:853), li permezz tagħha din ċaħdet ir-rikors tagħha intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-14 ta' Ġunju 2016 (Każ R 1779/2015-2), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Koton Mağazacilik Tekstil Sanayi ve Ticaret AŞ u Joaquín Nadal Esteban (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża").

Il-kuntest ġuridiku

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar it-[trade mark tal-Unjoni Ewropea] (ĠU 2009, L 78, p. 1), li kien ħassar u ssostitwixxa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 tal-20 ta' Diċembru 1993 dwar it-*trade mark* Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 146), kien ġie emendat bir-Regolament (UE) 2015/2424 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diembru 2015 (ĠU 2015, L 341, p. 21, rettifiki fil-ĠU 2016, L 267, p. 1, fil-ĠU 2016, L 110, p. 4, fil-ĠU 2016, L 71, p. 322). Sussegwentement, dan ġie mħassar u ssostitwit, b'effett mill-1 ta' Ottubru 2017, bir-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017, dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 154, p. 1).

3 F'dan il-każ, peress li l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark ikkontestata seħħet qabel it-23 ta' Marzu 2016, bl-istess mod, mill-bqija, bħad-deċiżjoni ta' reġistrazzjoni u t-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità, din it-tilwima għandha tiġi eżaminata fir-rigward tar-Regolament Nru 207/2009 fil-verżjoni inizjali tiegħu.

4 L-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament, intitolat "Raġunijiet assoluti għal rifjut", kien jipprovdi li sinjali vvizzjati minn ċerti difetti, bħal karattru purament deskrittiv jew nuqqas ta' karattru distintiv, ma setgħux jiġu rreġistrati bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

5 L-Artikolu 8 tal-imsemmi regolament, intitolat "Raġunijiet relattivi għal rifjut", huwa fformulat kif ġej:

"1. Jekk issir oppożizzjoni minn proprjetarju ta' trade mark preċedenti, l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark m'għandhiex tiġi milqugħa:

a) jekk tkun identika għal trade mark preċedenti u jekk il-prodotti jew servizzi fir-rigward ta' liem qiegħda ssir l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni huma identiċi mal-prodotti jew servizzi protetti mit-trade mark preċedenti;

b) jekk minħabba identiċità jew xebħ bejn iż-żewġ trade marks u l-identiċità jew xebħ tal-prodotti jew servizzi koperti mit-trade marks teżisti probabiltà ta' konfużjoni minn naħa tal-pubbliku fit-territorju fejn it-trade mark preċedenti hija protetta; il-probabiltà ta' konfużjoni tinkludi wkoll il-probabiltà li ssir assoċjazzjoni mat-trade mark preċedenti.

2. Għall-iskopijiet tal-Paragrafu 1, 'Trade marks preċedenti' tfisser:

a) trade marks tat-tip imsemmija hawn taħt b'data ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni li tiġi qabel dik tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark [tal-Unjoni Ewropea], wara li wieħed iqis, fejn dan ikun xieraq, il-prijoritajiet mitluba fir-rigward ta' dawk it-trade marks:
   i) trade marks [tal-Unjoni Ewropea],
   ii) trade marks reġistrati fi Stati Membru […],
   iii) trade marks reġistrati taħt arranġamenti internazzjonali li għandhom effett fi Stat Membru,

iv) trade marks reġistrati taħt arranġamenti internazzjonali li għandhom effett [fl-Unjoni];

[…]

5. Barra minn hekk, malli ssir opposizzjoni minn proprjetarju ta' trade mark preċedenti skont it-tifsira tal-paragrafu 2, it-trade mark li għaliha tkun saret applikazzjoni m'għandhiex tiġi reġistrata jekk din tkun identika jew jekk tkun tixbah trade mark preċedenti, u għandha tiġi reġistrata għal prodotti jew servizzi li ma jixbħux lil dawk li għalihom tkun reġistrata it-trade mark preċedenti, meta f'każ ta' trade mark [tal-Unjoni Ewropea] preċedenti it-trade mark għandha reputazzjoni [fl-Unjoni] u, f'każ ta' trade mark nazzjonali preċedenti, it-trade mark għandha reputazzjoni fl-Istat Membru konċernat, u dana meta l-użu mingħajr dritt tat-trade mark li għaliha tkun saret applikazzjoni ikun jieħu vantaġġ inġust, jew ikun ta' ħsara għall-karattru distintiv jew għar-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti."

6 L-Artikolu 52 tar-Regolament Nru 207/2009, intitolat "Raġunijiet assoluti ta' invalidità" jipprovdi:

"1. Trade mark [tal-Unjoni Ewropea] għandha tiġi ddikjarata bħala invalida wara applikazzjoni lill-Uffiċċju jew fuq il-bażi ta' kontrotalba fi proċedimenti ta' vjolazzjoni,

a) meta t-trade mark [tal-Unjoni Ewropea] tkun ġiet irreġistrata kuntrarju tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 7;

b) meta l-applikant jkun aġixxa morożament meta jkun ippreżenta l-applikazzjoni għat-trade mark.

[…]

3. Jekk ir-raġuni ta' invalidità tkun teżisti biss fir-rigward ta' xi wħud mill-prodotti jew servizzi li għalihom it-trade mark [tal-Unjoni Ewropea] hija reġistrata, it-trade mark għandha tiġi dikjarata bħala invalida fir-rigward ta' dawk l-prodotti jew servizzi biss."

7 L-Artikolu 53 ta' dan ir-regolament, intitolat "Raġunijiet assoluti ta' invalidità", jipprovdi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Trade mark [tal-Unjoni Ewropea] għandha tiġi ddikjarata bħala invalida wara applikazzjoni lill-Uffiċċju jew fuq il-bażi ta' kontrotalba fi proċedimenti ta' vjolazzjoni,

a) meta jkun hemm trade mark preċedenti kif msemmi fl-Artikolu 8(2) u l-kundizzjonijiet msemmija fil-paragrafu 1 jew fil-paragrafu 5 ta' dak l-Artikolu jkunu sodisfatti;

[…]"

8 Il-kontenut tal-Artikoli 7, 8, 52 u 53 tar-Regolament Nru 207/2009, li kien jikkorrispondi għal dak tal-Artikoli 7, 8, 51 u 52 tar-Regolament Nru 40/94, ġie riprodott fl-Artikoli 7, 8, 59 u 60 tar-Regolament 2017/1001.

9 Skont l-Artikolu 71(1) tar-Regolament 2017/1001:

"Wara li ssir l-eżaminazzjoni tal-permissibilità tal-appell, il-Bord tal-Appell għandu jiddeċiedi l-appell. Il-Bord tal-Appell jista' jew jeżerċita kull poter fil-kompetenza tad-dipartiment li kien responsabbli għad-deċiżjoni appellata jew jirrinvija l-każ lill-dak id-dipartiment għal prosekuzzjoni ulterjuri."

10 L-Artikolu 72 ta' dan ir-regolament jistabbilixxi:

"1. Jistgħu jitressqu azzjonijiet quddiem il-Qorti Ġenerali kontra deċiżjonijiet tal-Bordijiet tal-Appell rigward l-appelli.

[…]


3. Il-Qorti Ġenerali għandu jkollha l-ġurisdizzjoni li tħassar jew tibdel id-deċiżjoni kkontestata.

[…]

6. L-Uffiċċju għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jikkonforma mas-sentenza tal-Qorti Ġenerali jew, fil-każ ta' appell kontra dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja."

Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kontenzjuża

11 Fil-25 ta' April 2011, Nadal Esteban (iktar 'il quddiem l-"intervenjent") ippreżenta quddiem l-EUIPO applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal segwenti bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea:



12 Din ir-reġistrazzjoni kienet intalbet għal prodotti u għal servizzi fil-klassijiet 25, 35 u 39 fis-sens tal-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif rivedut u emendat (iktar 'il quddiem il-"Ftehim ta' Nice"). Dawn il-prodotti u dawn is-servizzi kienu jikkorrispondu mad-deskrizzjoni segwenti:

– klassi 25: "Ħwejjeġ, xedd is-saqajn, xedd ir-ras";

– klassi 35: "Reklamar, il-ġestjoni ta' negozju, l-amministrazzjoni ta' negozju, funzjonijiet ta' uffiċċju";

– klassi 39: "Trasport, l-ippakkjar u l-ħażna ta' oġġetti, arranġamenti għall-ivvjaġġar";

13 Fis-26 ta' Awwissu 2011, l-appellanti, li hija impriża li tipproduċi u li tbigħ ilbies, xedd tas-saqajn u aċċessorji, ressqet oppożizzjoni billi invokat it-trade marks preċedenti li ġejjin:

– it-trade mark irreġistrata f'Malta għal prodotti u għal servizzi fil-klassijiet 25 u 35, fis-sens tal-Ftehim ta' Nice, riprodotta kif ġej:



– it-trade mark li kienet is-suġġett, għal prodotti u għal servizzi fil-klassijiet 18, 25 u 35, fis-sens tal-Ftehim ta' Nice, ta' reġistrazzjoni internazzjonali b'effett f'diversi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, riprodotta kif ġej:



14 Il-motiv invokat insostenn tal-oppożizzjoni kien dak previst fl-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

15 Permezz ta' deċiżjoni tal-31 ta' Ottubru 2013, l-EUIPO laqa' l-oppożizzjoni biss sa fejn kienet tikkonċerna l-prodotti u s-servizzi fil-klassijiet 25 u 35, fis-sens tal-Ftehim ta' Nice. Dan, min-naħa l-oħra, ċaħad l-oppożizzjoni li kienet tikkonċerna s-servizzi fil-klassi 39, fis-sens ta' dan il-ftehim.

16 Fit-23 ta' Ġunju 2014, din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata bir-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO.

17 Fil-5 ta' Novembru 2014, it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni ġiet irreġistrata mill-EUIPO għas-servizzi li jaqgħu taħt din il-klassi 39 imsemmija fil-punt 12 ta' din is-sentenza.

18 Fil-5 ta' Diċembru 2014, l-appellanti ressqet talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità ta' din it-trade mark abbażi tal-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

19 B'deċiżjoni tal-25 ta' Awwissu 2015, id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-EUIPO ċaħdet it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità. Din ikkunsidrat li ma kienx ġie pprovat li l-intervenjent kien *in mala fide*.

20 Fl-4 ta' Settembru 2015, l-appellanti ppreżentat appell kontra din id-deċiżjoni.

21 Permezz tad-deċiżjoni kontenzjuża, it-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO ċaħad dan l-appell. Dan ikkunsidra li, minkejja x-xebh bejn is-sinjali kunfliġġenti u l-fatt li l-intervenjent kien jaf bit-trade marks preċedenti tal-appellanti, ma setax kellu *mala fide* fis-sens tal-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, peress li la kien hemm identiċità u lanqas xebh bejn il-prodotti jew servizzi li għalihom it-trade marks preċedenti kienu ġew irreġistrati, minn naħa, u s-servizzi fil-klassi 39 fis-sens tal-Ftehim ta' Nice li għalihom it-trade mark ikkontestata kienet ġiet irreġistrata, min-naħa l-oħra. Peress li l-portata tal-protezzjoni mogħtija lill-appellanti mit-trade marks preċedenti u dik tal-protezzjoni mogħtija lill-intervenjent mit-trade mark ikkontestata huma differenti, l-imsemmi Artikolu 52(1)(b) ma setax, skont il-Bord tal-Appell, japplika.

Ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

22 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-23 ta' Settembru 2016, l-appellanti talbet l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża u li l-EUIPO jiġi ordnat jiddikjara invalida t-trade mark ikkontestata.

23 Insostenn tar-rikors tagħha, l-appellanti invokat motiv uniku, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009. Fil-fatt, l-appellanti sostniet li l-Bord tal-Appell kien żbalja meta kkunsidra li l-prodotti jew is-servizzi koperti mit-trade marks kunfliġġenti kellhom ikunu identiċi jew jixxiebhu għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

24 Il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan ir-rikors.

25 Wara li fakkret, fil-punti 30 u 31 tas-sentenza appellata, l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja għall-Artikolu 51(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Ġunju 2009, Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli (C-529/07, EU:C:2009:361), il-Qorti Ġenerali osservat, fil-punt 32 tas-sentenza appellata, li l-fatturi rilevanti msemmija mill-Qorti tal-Ġustizzja f'din is-sentenza huma biss eżempji ta' elementi li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tittieħed deċiżjoni dwar l-eventwali *mala fide* tal-applikant għal trade mark tal-Unjoni Ewropea. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li "tista' wkoll tittieħed inkunsiderazzjoni l-loġika kummerċjali li fiha ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-kronoloġija tal-avvenimenti li kkaratterizzaw l-imsemmija preżentata".

26 Fil-punt 44 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Bord tal-Appell kien illimita ruħu "sabiex japplika l-ġurisprudenza, kif tirriżulta b'mod partikolari mis-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2009, Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli (C-529/07, EU:C:2009:361, punt 53), li tipprovdi li l-*mala fide* tal-applikant tippreżumi l-użu minn terzi ta' sinjal identiku jew li jixxiebah għal prodott jew għal servizz identiku jew li jixxiebah li kapaċi jwassal għal konfużjoni mas-sinjal li għalih saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni."

27 Skont il-konstatazzjonijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali fil-punti 54 sa 57 tas-sentenza appellata, il-provi prodotti mill-appellanti, bħall-eżistenza preċedenti ta' relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet u l-preżenza tal-element verbali u figurattiv "KOTON" fit-trade mark ikkontestata, juru l-iktar li l-intervenjent kien jaf bit-trade marks preċedenti, iżda mhux li kellu intenzjoni diżonesta. Minn dan il-Qorti Ġenerali ddeduċiet, fil-punt 58 ta' din is-sentenza, li l-appellanti "fi kwalunkwe każ, bl-ebda mod ma wriet li, fil-jum tal-preżentata tal-applikazzjoni għal trade mark [tal-Unjoni Ewropea], l-intervenjent kellu l-intenzjoni li jipprekludiha milli tuża t-trade marks preċedenti".

28 Fl-aħħar nett, fil-punt 60 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li kien korrett li, billi bbaża ruħu fuq il-fatt "li t-trade mark ikkontestata kienet irreġistrata għal servizzi differenti minn dawk indikati mit-trade marks Maltin […] preċedenti […] u mir-reġistrazzjoni internazzjonali [preċedenti], u b'hekk eskluda kull probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks kunfliġġenti", il-Bord tal-Appell seta' jiddeċiedi li l-*mala fide* tal-intervenjent ma kinitx ġiet stabbilita.

It-talbiet tal-partijiet

29 L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tannulla d-deċiżjoni kontenzjuża;

– tagħmel dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark ikkontestata, u

– tikkundanna lill-intervenjent u lill-EUIPO għall-ispejjeż.

30 L-EUIPO jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja:

– tilqa' l-appell u

– tikkundanna lill-EUIPO u lill-intervenjent għall-ispejjeż.

31 L-intervenjent jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja:

– tikkonferma s-sentenza appellata u

– tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

Fuq l-appell

32 Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tinvoka aggravju wieħed, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

L-argumenti tal-partijiet

33 Skont l-appellanti, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat, b'mod partikolari fil-punti 44 u 60 tas-sentenza appellata, li l-eżistenza tal-*mala fide* tippreżupponi li t-trade mark ikkontestata hija rreġistrata għal prodotti jew għal servizzi identiċi jew li jixbhu dawk li għalihom trade mark preċedenti hija rreġistrata. Tali rekwiżit għall-applikazzjoni tar-raġuni assoluta ta' invalidità prevista fl-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 la jirriżulta minn dan ir-regolament u lanqas mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

34 Meta ddeċidiet f'dan is-sens, il-Qorti Ġenerali, barra minn hekk, ikkontradixxiet il-punt 32 tas-sentenza appellata, li fih fakkret li l-fatturi elenkati mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2009, Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli (C-529/07, EU:C:2009:361), kienu biss eżempji fost għadd ta' elementi li jistgħu jistabbilixxu l-*mala fide* ta' applikant.

35 Min-naħa tiegħu, l-EUIPO jsostni wkoll li l-Bord tal-Appell u l-Qorti Ġenerali wettqu l-iżball ta' liġi allegat mill-appellanti, peress li dawn kienu bbażaw ruħhom fuq interpretazzjoni mhux eżatta tas-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2009, Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli (C-529/07, EU:C:2009:361).

36 L-EUIPO jenfasizza li l-mument rilevanti għall-evalwazzjoni tal-eżistenza tal-*mala fide* ta' applikant huwa dak tal-preżentata tal-applikazzjoni għal trade mark. Il-Bord tal-Appell u l-Qorti Ġenerali b'hekk kienu applikaw b'mod żbaljat l-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 billi ffokaw ruħhom fuq l-uniċi servizzi li jaqgħu fil-klassi 39 fis-sens tal-Ftehim ta' Nice, li għalihom ġiet finalment irreġistrata t-trade mark ikkontestata. Skont l-EUIPO, huma kien imisshom eżaminaw jekk l-intervenjent kienx *in mala fide* fil-mument tal-preżentata tal-applikazzjoni tiegħu, li kienet tirrigwarda prodotti u servizzi fil-klassijiet 25, 35 u 39 fis-sens tal-Ftehim ta' Nice.

37 L-EUIPO jżid li, għalkemm il-Bord tal-Appell u l-Qorti Ġenerali kienu debitament ħadu inkunsiderazzjoni l-mument rilevanti previst fl-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, huma probabbilment kienu jaslu sabiex jikkonstataw li l-intervenjent kien aġixxa b'*mala fide* meta pprova jappropprja ruħu mill-element verbali u figurattiv "KOTON" li jinsab fit-trade marks preċedenti. Għaldaqstant, din il-konstatazzjoni wasslet għal dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark ikkontestata fit-totalità tagħha, jiġifieri għal kull prodott u servizz.

38 Il-fatt li jiġi kkunsidrat li l-konstatazzjoni tal-*mala fide* tippreżupponi l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni jkun ifisser, barra minn hekk, hekk kif kienet esponiet l-appellanti quddiem il-Qorti Ġenerali, li tiġi interpretata b'mod żbaljat id-differenza bejn ir-raġuni assoluta ta' invalidità prevista fl-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 u r-raġuni relattiva ta' invalidità prevista fl-Artikolu 53(1)(a) ta' dan ir-regolament.

39 Fir-rigward tal-intervenjent, huwa jikkontesta kull *mala fide* min-naħa tiegħu u jżid li l-appellanti ma wrietx il-kuntrarju. Għaldaqstant, is-sentenza appellata ma hijiex ivvizzjata b'illegalità. Fir-rigward tal-iżball ta' liġi invokat mill-appellanti, huwa josserva li ma jkunx hemm sens li tiġi evalwata l-eżistenza ta' *mala fide* fl-assenza ta' kwalunkwe probabbiltà ta' konfużjoni.

40 L-intervenjent jenfasizza li huwa qatt ma kien distributur tal-prodotti tal-appellanti. Huwa kien żamm biss relazzjonijiet kummerċjali ma' din tal-aħħar bħala xerrej tal-prodotti ta' trade mark oħra tagħha, li kien ibigħ mill-ġdid fi Spanja. L-appellanti kienet kisret unilateralment dawn ir-relazzjonijiet kummerċjali matul is-sena 2006.

41 L-intervenjent isostni wkoll li, matul is-sena 2004, huwa kien irreġistra trade mark verbali u figurattiva li tinkludi l-kelma "KOTON" fi Spanja għal prodotti fil-klassi 25 fis-sens tal-Ftehim ta' Nice. Peress li din it-trade mark hija preċedenti għar-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark tal-appellanti, din tal-aħħar, matul is-sena 2016, kienet ġiet annullata minn qorti Spanjola. L-appell tal-appellanti kontra d-deċiżjoni ta' din il-qorti huwa pendenti.

42 Peress li l-appellanti kienet taf dwar din it-trade mark Spanjola tal-intervenjent u peress li, sas-sena 2006, kienet żammet relazzjonijiet mal-intervenjent minkejja r-reġistrazzjoni ta' din it-trade mark matul is-sena 2004, ma jistax, skont l-intervenjent, jiġi affermat li huwa aġixxa b'*mala fide* meta talab, fil-25 ta' April 2011, ir-reġistrazzjoni tat-trade mark ikkontestata.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

43 Hemm lok li jitfakkar l-ewwel nett li, meta kunċett li jinsab fir-Regolament Nru 207/2009 ma huwiex iddefinit minnu, id-determinazzjoni tat-tifsira u tal-portata tiegħu għandha tiġi stabbilita konformement mas-sens abitwali tiegħu fil-lingwaġġ ta' kuljum, filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest li fih jintuża dan il-kunċett u l-għanijiet li għandhom jintlaħqu minn dan ir-regolament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Marzu 2019, Textilis, C-21/18, EU:C:2019:199, punt 35; ara, b'analoġija, is-sentenzi tat-22 ta' Settembru 2011, Budějovický Budvar, C-482/09, EU:C:2011:605, punt 39, u tat-22 ta' Marzu 2012, Génesis, C-190/10, EU:C:2012:157, punt 41).

44 Dan jgħodd ukoll għall-kunċett ta' "*mala fide*" li jinsab fl-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, fl-assenza ta' kwalunkwe definizzjoni ta' dan il-kunċett mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

45 Filwaqt li, konformement mas-sens abitwali tiegħu fil-lingwaġġ ta' kuljum, il-kunċett ta' "*mala fide*" jippreżupponi l-preżenza ta' stat tal-moħħ jew ta' intenzjoni diżonesta, dan il-kunċett għandu barra minn hekk jinftiehem fil-kuntest tad-dritt tat-trade marks, li huwa dak tan-negozju. F'dan ir-rigward, ir-Regolamenti Nru 40/94, Nru 207/2009 u 2017/1001 adottati suċċessivament għandhom l-istess għan, jiġifieri l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern (ara, fir-rigward tar-Regolament Nru 207/2009, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2013, Malaysia Dairy Industries, C-320/12, EU:C:2013:435, punt 35). Ir-regoli dwar it-trade mark tal-Unjoni Ewropea huma intiżi, b'mod partikolari, sabiex jikkontribwixxu għas-sistema ta' kompetizzjoni mhux distorta fl-Unjoni, li fiha kull impriża għandha, sabiex tintrabat mal-klijentela permezz tal-kwalità tal-prodotti jew tas-servizzi tagħha, tkun fil-pożizzjoni li tirreġistra bħala trade marks sinjali li jippermettu lill-konsumatur li jagħmel distinzjoni mingħajr konfużjoni possibbli bejn dawn il-prodotti jew dawn is-servizzi u dawk li għandhom

provenjenza oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Settembru 2010, Lego Juris vs UASI, C-48/09 P, EU:C:2010:516, punt 38, u tal-11 ta' April 2019, ÖKO-Test Verlag, C-690/17, EU:C:2019:317, punt 40).

46 Konsegwentement, ir-raġuni assoluta ta' invalidità prevista fl-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 tapplika meta jirriżulta minn indizji rilevanti u konkordanti li l-proprjetarju ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea ppreżenta l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' din it-trade mark mhux bil-għan li jipparteċipa b'mod leali għall-kompetizzjoni iżda bl-intenzjoni li jippreġudika, b'mod li ma jkunx konformi mal-użanzi onesti, l-interessi ta' terzi, jew bl-intenzjoni li jikseb, mingħajr ma jimmira lejn terzi b'mod partikolari, dritt esklużiv għal skopijiet differenti minn dawk li jaqgħu taħt funzjonijiet ta' trade mark, b'mod partikolari l-funzjoni essenzjali ta' indikazzjoni ta' oriġini mfakkra fil-punt 45 ta' din is-sentenza.

47 L-intenzjoni tal-applikant ta' trade mark hija element suġġettiv li għandu madankollu jiġi ddeterminat b'mod oġġettiv mill-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji kompetenti. Konsegwentement, kull allegazzjoni ta' *mala fide* għandha tiġi evalwata globalment, b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi fattwali rilevanti kollha tal-każ (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2009, Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli, C-529/07, EU:C:2009:361, punti 37 u 42) Huwa biss b'dan il-mod li l-allegazzjoni ta' *mala fide* tista' tiġi evalwata b'mod oġġettiv.

48 Fil-kawża li tat lok għas-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2009, Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli (C-529/07, EU:C:2009:361), il-Qorti tal-Ġustizzja kienet, kif hija enfasizzat fil-punt 36 ta' din is-sentenza, speċifikament staqsiet dwar l-ipoteżi fejn, fil-mument tal-applikazzjoni għat-trade mark ikkontestata, diversi produtturi kienu użaw, fis-suq intern, sinjali identiċi jew li jixxiebhu għal prodotti identiċi jew li jixxiebhu, li kien iwassal għal konfużjoni. Il-qorti tar-rinviju talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża liema fatturi għandhom, meta teżisti tali probabbiltà ta' konfużjoni, jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi evalwat jekk l-applikant għat-trade mark huwiex *in mala fide*.

49 Għalhekk, u filwaqt li l-kwistjoni tal-evalwazzjoni tal-eżistenza tal-*mala fide* ma kinitx konfuża ma' dik tal-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni, billi dawn iż-żewġ kunċetti tad-dritt tat-trade marks huma distinti, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tistabbilixxi kriterji sabiex jiġi evalawat jekk kienx hemm *mala fide* f'sitwazzjoni fejn diġà huwa stabbilit li teżisti probabbiltà ta' konfużjoni.

50 Il-Qorti tal-Ġustizzja wieġbet li, f'tali każ, hemm lok li jiġi eżaminat, fost elementi oħra, jekk l-applikant kienx jaf jew kellu jkun jaf li terzi kien uża, f'tal-inqas Stat Membru, is-sinjal li jwassal għal konfużjoni mas-sinjal li huwa s-suġġett tal-applikazzjoni, billi tali għarfien tal-applikant jista' jiġi preżunt, b'mod partikolari, meta jeżisti għarfien ġenerali, fis-settur ekonomiku kkonċernat, ta' tali użu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2009, Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli, C-529/07, EU:C:2009:361, punti 39 u 53).

51 Minn din is-sentenza ma jirriżultax li l-eżistenza ta' *mala fide*, fis-sens tal-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, tista' tiġi kkonstatata biss fl-ipoteżi, li kienet dik li fuqha l-Qorti tal-Ġustizzja kienet ġiet mistoqsija, fejn ikun hemm użu fis-suq intern ta' sinjal identiku jew li jixxiebah għal prodotti identiċi jew li jixxiebhu li kapaċi jwassal għal konfużjoni mas-sinjal li għalih issir applikazzjoni għal reġistrazzjoni.

52 Fil-fatt, jistgħu jeżistu każijiet, li ma humiex parti mill-ipoteżi li wasslet għas-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2009, Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli (C-529/07, EU:C:2009:361), fejn l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark tista' titqies li ġiet ippreżentata b'*mala fide* minkejja l-assenza, fil-mument ta' din l-applikazzjoni, tal-użu minn terzi, fis-suq intern, ta' sinjal identiku jew li jixxiebah għal prodotti identiċi jew li jixxiebhu.

53 F'dan ir-rigward, ir-raġuni assoluta ta' invalidità prevista fl-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 hija fundamentalment differenti mir-raġuni relattiva ta' invalidità prevista fl-Artikolu 53(1)(a) ta' dan ir-regolament, peress li din tal-aħħar tassumi l-eżistenza ta' trade mark preċedenti prevista fl-Artikolu 8(2) ta' dan ir-regolament kif ukoll l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni, fis-sens tal-Artikolu 8(1)(b) tal-istess regolament, sakemm din it-trade mark preċedenti ma tgawdix minn reputazzjoni fis-sens tal-Artikolu 8(5) ta' dan l-aħħar regolament jew li japplika l-Artikolu 8(1)(a) tiegħu. Issa, kif l-Avukat Ġenerali rrilevat fil-punt 27 tal-konklużjonijiet tagħha, fil-każ ta' talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità bbażata fuq l-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, bl-ebda mod ma huwa meħtieġ li l-applikant ikun proprjetarju ta' trade mark preċedenti għal prodotti jew għal servizzi identiċi jew li jixxiebhu.

54 Għandu jingħad ukoll li, fil-każijiet fejn jirriżulta, li fil-mument tal-applikazzjoni għat-trade mark ikkontestata, terzi kien juża, tal-inqas fi Stat Membru, sinjal identiku jew li jixbah din it-trade mark, l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni f'moħħ il-pubbliku ma għandhiex neċessarjament tiġi stabbilita sabiex l-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 jkun jista' japplika.

55 Mill-interpretazzjoni pprovduta mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 53 tas-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2009, Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli (C-529/07, EU:C:2009:361) jirriżulta biss li, meta jkun stabbilit li użu minn terzi ta' sinjal identiku jew li jixxiebah għal prodotti jew għal servizzi identiċi jew li jixxiebhu kien jeżisti u kien iwassal għal konfużjoni, hemm lok li jiġi eżaminat, fil-kuntest tal-evalwazzjoni globali taċ-ċirkustanzi rilevanti ta' dan il-każ, jekk l-applikant għat-trade mark ikkontestata kellux għarfien. Madankollu, dan l-element huwa biss fattur rilevanti fost oħrajn li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni.

56 Għar-raġunijiet esposti fil-punti 52 sa 55 ta' din is-sentenza, hemm lok li jiġi konkluż li, fl-assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni bejn is-sinjal użat minn terzi u t-trade mark ikkontestata, jew fil-każ ta' assenza ta' użu, minn terzi, ta' sinjal identiku jew li jixbah lit-trade mark ikkontestata, ċirkustanzi fattwali oħra jistgħu, jekk ikun il-każ, jikkostitwixxu indizji rilevanti u konkordanti li jistabbilixxu l-*mala fide* tal-applikant.

57 Isegwi li, meta ddeċidiet, fil-punt 44 tas-sentenza appellata, li "l-*mala fide* tal-applikant tippreżumi l-użu minn terzi ta' sinjal identiku jew li jixxiebah għal prodott jew għal servizz identiku jew li jixxiebah li kapaċi jwassal għal konfużjoni mas-sinjal li għalih saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni", il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tat portata restrittiva wisq lill-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

58 Dan l-iżball ta' liġi vvizzja r-raġunament tal-Qorti Ġenerali, peress li din, hekk kif jirriżulta mill-punt 60 tas-sentenza appellata, ikkunsidrat li l-fatt li t-trade mark ikkontestata kienet ġiet irreġistrata għal servizzi li jaqgħu taħt klassi tal-Ftehim ta' Nice minbarra dawk li għalihom it-trade marks preċedenti tal-appellanti kienu ġew irreġistrati u użati kien jawtorizza lill-Bord tal-Appell jikkonkludi li l-*mala fide* tal-intervenjent ma kinitx ġiet stabbilita.

59 Billi segwiet dan l-approċċ, il-Qorti Ġenerali astjeniet, kuntrarjament għal dak li kienet tipprevedi l-formulazzjoni stess tal-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, milli tieħu inkunsiderazzjoni, fl-evalwazzjoni globali tagħha, iċ-ċirkustanzi fattwali rilevanti kollha kif kienu jippreżentaw ruħhom meta ġiet ippreżentata l-applikazzjoni, filwaqt li dan il-mument kien determinanti (sentenza tal-11 ta' Ġunju 2009, Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli, C-529/07, EU:C:2009:361, punt 35).

60 Għalhekk, il-Qorti Ġenerali kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt, mhux ikkontestat u invokat mill-appellanti, li l-intervenjent kien talab ir-reġistrazzjoni ta' sinjal li jinkludi l-kelma stilizzata "KOTON" bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea mhux biss għas-servizzi fil-klassi 39 fis-sens

tal-Ftehim ta' Nice iżda wkoll għal prodotti u għal servizzi fil-klassijiet 25 u 35 fis-sens tal-Ftehim ta' Nice, li kienu jikkorrispondu ma' dawk li għalihom l-appellanti kienet irreġistrat trade marks li jinkludu din il-kelma stilizzata.

61 Għalkemm mill-Artikolu 52(3) tar-Regolament Nru 207/2009 jirriżulta li r-raġunijiet assoluti ta' invalidità previsti fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu jistgħu, jekk ikun il-każ, jeżistu għal parti biss tal-prodotti u tas-servizzi li għalihom it-trade mark ikkontestata kienet ġiet irreġistrata, xorta jibqa' l-fatt li l-appellanti talbet l-invalidità tat-trade mark ikkontestata fit-totalità tagħha u li din it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità kellha għalhekk tiġi eżaminata billi tiġi evalwata l-intenzjoni tal-intervenjent fil-mument li fih huwa talab, għal diversi prodotti u servizzi, inklużi prodotti ta' tessuti, ir-reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea li tinkludi l-element verbali u figurattiv diġà użat mill-appellanti għal prodotti ta' tessuti.

62 Barra minn hekk, billi kklassifikat b'mod żbaljat l-użu ta' sinjal identiku jew li jixxiebah għal prodotti jew għal servizzi identiċi jew li jixxiebhu ma' dawk li għalihom it-trade mark ikkontestata ġiet finalment irreġistrata bħala kundizzjoni essenzjali għall-applikazzjoni tal-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, il-Qorti Ġenerali indirizzat biss għal raġuni ta' kompletezza l-fatt li kien hemm relazzjonijiet kummerċjali bejn l-intervenjent u l-appellanti u li dawn kienu ġew miksura mill-appellanti. Barra minn hekk, hija naqset milli teżamina jekk l-applikazzjoni għal trade mark li tinkludi l-kelma stilizzata "KOTON" għal prodotti u għal servizzi fil-klassijiet 25, 35 u 39 fis-sens tal-Ftehim ta' Nice kinitx turi loġika kummerċjali fir-rigward tal-attivitajiet tal-intervenjent.

63 Għalhekk, anki jekk semmiet, fil-punt 32 tas-sentenza appellata, il-"loġika kummerċjali li kienet il-bażi tal-preżentata tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni" u "l-kronoloġija tal-avvenimenti li kkaratterizzaw l-imsemmija preżentata" bħala elementi li jistgħu jkunu rilevanti, il-Qorti Ġenerali ma eżaminathomx b'mod sħiħ fil-bqija tas-sentenza tagħha.

64 Ċertament, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punt 56 tas-sentenza appellata, li l-fatt li kien għadda perijodu pjuttost twil bejn it-tmiem ta' dawn ir-relazzjonijiet kummerċjali u l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark ikkontestata jxaqleb kontra l-eżistenza ta' *mala fide* min-naħa tal-intervenjent.

65 Madankollu, il-preżenza ta' dan l-element ta' evalwazzjoni fis-sentenza appellata ma tistax tkun biżżejjed sabiex tiġi applikata r-regola li, għalkemm il-motivi ta' deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali jiżvelaw ksur tad-dritt tal-Unjoni iżda li d-dispożittiv tagħha jidher fondat minħabba motivi ta' dritt oħra, tali ksur ma huwiex ta' natura li jwassal għall-annullament ta' din id-deċiżjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Lulju 2017, ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni, C-696/15 P, EU:C:2017:595, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata). Fil-fatt, iċ-ċirkustanza meqjusa mill-Qorti Ġenerali fil-punt 56 tas-sentenza appellata hija biss element fost oħrajn li kellu jittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest ta' evalwazzjoni globali, b'kunsiderazzjoni debita tal-applikazzjoni għal trade mark kif ippreżentata mill-intervenjent għall-prodotti u għas-servizzi fil-klassijiet 25, 35 u 39 fis-sens tal-Ftehim ta' Nice, evalwazzjoni li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx.

66 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li l-aggravju uniku huwa fondat u li s-sentenza appellata għandha tiġi annullata.

Fuq ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali

67 Mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jirriżulta li, meta l-appell huwa fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddeċiedi definittivament it-tilwima, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża.

68 F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha elementi neċessarji sabiex tagħti deċiżjoni definittiva fuq il-motiv uniku tar-rikors tal-ewwel istanza, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

69 Fil-fatt, kif ġie espost fil-punt 21 ta' din is-sentenza, il-Bord tal-Appell ikkunsidra li, għall-finijiet tal-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' *mala fide* fir-rigward tal-intervenjent, l-użu ta' sinjal identiku jew li jixxiebah għal prodotti jew għal servizzi identiċi jew li jixbhu dawk li għalihom it-trade mark ikkontestata kienet ġiet irreġistrata, kellu jiġi stabbilit. Fuq din il-bażi, dan ċaħad l-appell tal-appellanti.

70 Issa, hekk kif jirriżulta mill-punti 52 sa 57 ta' din is-sentenza, tali raġunament huwa vvizzjat minn żball ta' liġi sa fejn jagħti portata restrittiva wisq lill-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

71 Konsegwentement, id-deċiżjoni kontenzjuża għandha tiġi annullata.

Fuq it-talba sabiex it-trade mark ikkontestata tiġi ddikjarata invalida

72 Peress li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, bis-saħħa tal-ġurisdizzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li tannulla d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell, skont l-Artikolu 72(6) tar-Regolament Nru 2017/1001 huwa l-korp kompetenti tal-EUIPO li għandu jieħu deċiżjoni ġdida billi jibbaża ruħu fuq evalwazzjoni globali li tieħu inkunsiderazzjoni l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-trade mark ikkontestata hekk kif ippreżentata fil-25 ta' April 2011 għal prodotti u għal servizzi fil-klassijiet 25, 35 u 39 fis-sens tal-Ftehim ta' Nice, kif ukoll taċ-ċirkustanzi debitament ipprovati mill-appellanti kif ukoll dawk debitament issostanzjati, fil-kuntest tad-difiża tagħha kontra t-talba għal dikjarazzjoni ta' invaliditä, mill-intervenjent.

73 Konsegwentement, hemm lok li t-talba intiża sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara invalida t-trade mark ikkontestata tiġi miċħuda.

Fuq l-ispejjeż

74 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi t-tilwima definittivament hija stess, hija għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż.

75 Skont l-Artikolu 138(1) tal-istess regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1) tagħhom, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu f'dan is-sens.

76 Billi l-appellanti essenzjalment rebħet il-kawża, is-sentenza appellata u d-deċiżjoni kontenzjuża huma annullati. Hija talbet li l-intervenjent jiġi kkundannat għall-ispejjeż.

77 L-EUIPO talab li jiġi kkundannat, flimkien mal-intervenjent, għall-ispejjeż.

78 Għalhekk hemm lok li l-intervenjent u l-EUIPO jiġu kkundannati jbatu, f'partijiet indaqs, l-ispejjeż sostnuti mill-appellanti kemm relatati mal-proċedura tal-ewwel istanza fil-Kawża T-687/16 kif ukoll dik tal-appell. Hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 190(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, l-ispejjeż indispensabbli sostnuti għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell għandhom jitqiesu li huma spejjeż li jistgħu jinġabru.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-30 ta' Novembru 2017, Koton Mağazacilik Tekstil Sanayi ve Ticaret vs EUIPO – Nadal Esteban (STYLO & KOTON) (T-687/16, EU:T:2017:853), hija annullata.**

2) **Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), tal-14 ta' Ġunju 2016 (Każ R 1779/2015-2), hija annullata.**

3) **It-talba intiża sabiex it-trade mark ikkontestata tiġi ddikjarata invalida hija miċħuda.**

4) **Joaquín Nadal Esteban u l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) huma kkundannati jbatu, f'partijiet ugwali, l-ispejjeż sostnuti minn Koton Mağazacilik Tekstil Sanayi ve Ticaret AŞ relatati kemm mal-proċedura tal-ewwel istanza fil-Kawża T-687/16 kif ukoll ma' dik tal-appell.**

Firem